TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 182/12-F

**Carmen Fenech**

**vs**

**Edward Smith – Granny Smith**

Illum 23 ta' Ottubru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sitt mija w erbgħa u sebgħin ewro (€674), rappreżentanti prezz ta' gwardarobba bi tliet bibien illi kellha diversi difetti.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat gwardarobba mingħand id-ditta ntimata u wara li xtratha ndunat illi kellha d-difetti fil-bibien, liema bibien ma kinux jingħalqu sewwa.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi kienu biddlu l-bibien ta' fuq, pero' peress li r-rikorrenti għandha problema ta' l-umdita', din il-problema ser tibqa' tippersisti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u kif ukoll eżamina r-ritratti li ġew ippreżentati quddiem it-Tribunal, jinnota illi bi ftit *setting* dawn il-bibien jistgħu jitranġaw.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' sebgħin ewro (€70), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**